Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalità

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

Data tal-laqgħa: 11 ta' Diċembru 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):
Annalise Galea – Kunsillier (AG)

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

### RESIDENTI PREŻENTI:
3 residenti kienu preżenti.

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa. Is-Sindku qal li l-Kunsillier AG infurmat li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa.

## 3.1 Introduzzjoni mis-Sindku

3.1.1 Is-Sindku beda billi ta merħba lil kull min attenda għat-tielet laqgħa tal-lokalità tal-Għaxar Leġislatura, fejn ta informazzjoni lil dawk preżenti fuq diversi proġetti li qed jaħdem fuqhom il-Kunsill.

## 3.2 Qari tal-Minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 2

3.2.1 Is-Sindku AM qara l-Minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 2 li saret fil-15 ta' April 2025.

## 3.3 Estimi Finanzjarji 2026

3.3.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-abbozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2026 u rrisponda xi mistoqsijiet li kellhom ir-residenti.

## 3.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

3.4.1 Is-Sindku stieden lir-residenti biex jagħmlu l-interventi tagħhom.

3.4.2 Is-SE ħadet nota tal-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti fuq diversi temi, fosthom:

- L-applikazzjoni ta' żvilupp fil-periferija ta' Ħal Lija u Ħal Balzan, għal kumpless kbir ta' appartamenti . Is-Sindku infurma li l-Kunsill oġġezzjona flimkien mal-KL Ħal Lija;
- L-applikazzjoni ġdida ta' żvilupp tal-*Ex-Dolphin Centre* - Is-Sindku infurma li l-Kunsill se jerġa' joġġezzjona għal din l-applikazzjoni;
- Resident semma li qed isibu diffikultà biex jiġbru l-ilma tax-xita fil-proprjetajiet tagħhom minħabba qlib ħażin fit-Triq il-Kbira, fiż-żona tal-Hudson. Ressaq xi suġġerimenti dwar x'jista' jsir biex jinġabar l-ilma tax-xita fir-residenzi privati. Il-Kunsill se jkun qed jiltaqa' mar-resident biex flimkien jinħoloq pjan biex jiġi ppreżentat lill-IM meta jkunu se jagħmlu r-rikostruzzjoni tat-triq;
- Il-problema ta' ħruġ ta' boroż tal-iskart mhux skond l-iskeda
- Palazzo dei Fiori fi Triq il-Kbira li qed jinkera fuq *booking.com* mingħajr il-liċenzji neċessarji – Is-Sindku infurma li bħala Kunsill diġà għamilna rapport mal-pulizija. Barra minn hekk, il-Kunsill qed jieħu parir legali;
- Il-problema tal-ħamiem – Din hija problema komuni f'diversi lokalitajiet. Il-Kunsill qed jaħdem mal-AKL biex flimkien mal-lokalitajiet l-oħra tinstab soluzzjoni nazzjonali.

3.4.3 Wara li ma kienx hemm aktar ilmenti / suġġerimenti mir-residenti, is-Sindku għalaq il-laqgħa billi irringrazzja lil dawk preżenti, talli attendew għal-laqgħa.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.47pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 19 ta' Frar 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |